Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

## Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 43

**Data:** It-Tlieta, 16 ta' Frar 2021
**Ħin:** 17:30
**Post:** Online, Teams Meeting

**Segwew online permezz tal-Microsoft Teams:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Perit Graziella Galea – Membru

**Mistieden:**
Is-Sur Patrick Vella – SPML

**Skużat:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**43.1 Ittri ta' apoloġija**

43.1.1 Is-Segretarja infurmat li Dr. Samuel Azzopardi kien avża li ma setax jattendi għal laqgħa.

43.1.2 Fuq proposta tal-President l-Eżekuttiv approva l-ittra ta' apoloġija ta' Dr. Azzopardi.

**43.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.42**

43.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.42.

43.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva il-minuti.

43.2.3 Il-President talab li jissopendi l-laqgħa, sabiex issir preżentazzjoni mis-Sur Patrick Vella minn Social Projects and Management Ltd.

43.2.4 Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandha tkun sospiża l-aġenda sabiex issir il-preżentazzjoni mis-Sur Vella.

**43.3 Preżentazzjoni - Social Projects Management Ltd Services Presentation**

43.3.1 Is-Sur Patrick Vella ta bidu għall-preżentazzjoni, liema preżentazzjoni tinstab annessa mal-minuti u immarkata Dok A.

43.3.2 Wara li saret il-preżentazzjoni kien hemm diversi osservazzjonijiet mill-Membri tal-Eżekuttiv, fosthom:

1. Chev. Paul Farrugia semma jekk ikunx jeħtieġ li tinħareġ sejħa pubblika sabiex il-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jagħmlu s-servizz ta' din il-kumpanija. Is-Sur Vella wieġeb li la darba ir-Reġjun/ Kunsill jintrabat li ser jagħmel il-proġett, f' dak l-istadju l-SPM jassitu lill-Kunsill Lokali / Reġjun sabiex joħroġ is-sejħa. Kien ikkonfermat ukoll li dan is-servizz jista' jintuża biex jiġi implimentat il-proġett Slow Streets.
2. Is-Sur Jesmond Aquilina semma li ħafna mill-Kunsilli Lokali qed isibuha diffiċli ferm li jsibu servizz tal-Perit għaldaqstant xtaq jikkonferma jekk il-kumpanija toffrix servizz ta' Perit li

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

jkun jista' jassisti fi proġetti bħalma huma'; żvilupp ta' playing fields, bankini u kreazzjoni ta' spazji miftuħa. Is-Sur Vella semma li l-kumpanija tista' tassisti f' dawn it-tip ta' proġetti.

3. Is-Sur Fava semma li kull Kunsill Lokali għandu obbligu li jkollu l-Perit tiegħu, semma li din il-kumpanija tista' tati servizz ta' project management imma mhux l-ideali li din tieħu post servizzi professjonali li l-Kunsilli huma obbligati li jkollhom. Kompla qal li filwaqt li jifhem li certu servizzi bhal accountant, perit u contracts manager iridu jkunu ma' kull kunsill, servizzi ohra bhal Project Manager, EU Officer, IT officer etc jistghu ikunu fuq bazi regjonali.
4. Is-Sur Michael Fenech Adami semma li bħala Reġjuni ma jistgħux joħorġu sejħa pubblika għas-servizz ta' project management. Semma li skond dak li qed jindika d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, il-project manager għandu jkun f' impjig mar-Reġjun. Semma wkoll li huwa jaqbel mas-Sur Fava li jekk din il-kumpanija ser tibda tingħata xogħol li jkun ikopri servizzi ta' Periti, hawnhekk ser ikunu qed jidħlu f' kompetizzjoni diretta mal-privat. Is-sur Fava qal li se jaghmel laqgha bejn il-kumpanija u d-DG sabiex jigu diskussi punti teknici u legali li jista' jkun hemm.
5. Is-Sur Patrick Vella semma li peress li SPM Ltd hija kumpanija sussidjarja tal-Gvern, l-ispejjeż li l-Kunsilli Reġjonali/ Kunsilli Lokali jħallsu għas-servizz tal-istess kumpanija huma biss sabiex ikopru is-salarji tal-ħaddiema, peress li l-kumpanija ma tagħmel l-ebda profiti.

43.3.3 Is-Sur Fava tenna li ser ikun qed jikkordina laqgħa mad-Diviżjoni kif ukoll ma' SPM Ltd sabiex possibbilment issir MoU sabiex il-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jagħmlu użu mis-servizz ta' project management offrut mill-istess kumpanija.

### 43.4 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 42

| | |
|---|---|
| **43.4.1 Awditjar AKL** | Il-President semma li kien ingħata bidu għall-awditjar tal-AKL mill-kumpanija RSM. Is-Sur Fava sema li saret laqgħa online imma intbgħatet ukoll komunikazzjoni lil NAO u anki lid-Diviżjoni fejn inġibdet l-attenzjoni li qed jintalbu dokumenti li jagħmlux sens bħal ngħidu aħna l-leave tal-President u anki l-performance bonus ta' Membri Eletti fl-Eżekuttiv. Il-President semma li inħasset il-ħtieġa li tinġibed l-attenzjoni |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

tal-NAO fl-immedjat peress li dan jidher li ser itawwal il-proċess anki lill-Kunsill Lokali.

**43.4.2 Waste Management**

Il-President semma li kellu laqgħa mad-delegazzjoni tal-Partit Nazzjoanlista sabiex ikun hemm diskussjoni fuq il-proposti tal-Immaniġjar tal-Iskart hekk kif preżentanti mill-AKL. Qal li dawn ghandhom jergghu jibghatu rivizjoni tar-rpport taghhom sabiex iz-zewg rapport jkunu jistghu jigu diskussi flimkien. Semma wkoll li kien ġie mistieden sabiex jagħmel il-kontribut tiegħu f' laqgħa mas-Sindki u Kunsilliera organizzata mir-Reġjun Ċentru.

**43.4.3 Ħaddiema AKL**

Il-President semma li l-ħaddiema tal-AKL li kien ser jagħlqilhom il-kuntratt f' Awwissu 2021, bgħatu konferma bil-miktub li l-intenzjoni tagħhom kienu li jġeddu l-kuntratt ta' impjieg.

**43.4.4 Ftehim fondi LESA**

Il-President semma li kien ġie iffirmat il-ftehim mal-Aġenzija LESA sabiex il-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jibbenifikaw minn miljun Ewro fi proġetti.

**43.4.5 Proġett Slow Streets**

Il-President semma li kien fadal l-aħħar ħames lokalitajiet sabiex jikkonkludu l-istudji urbani. Semma li qed ikun hemm ħidma min-naħa tal-AKL sabiex possibbilment insibu kumpaniji li jkunu jistgħu jassistu fl-implimentazzjoni tal-istess proġett. Semma li tul dan l-aħħar xhur deher biċ-ċar li l-Kunsilli Lokali għandhom nuqqas ta' riżorsi umani li jgħinu fl-implimentazzjoni tal-proġetti.

**43.5 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 42**

43.5.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u Chev. Paul Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-15 ta' Jannar 2021 u l-16 ta' Frar 2021 li kienet tammonta għall-€112,544.86.

**43.6 Komunikazzjoni mill-President**

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **43.6.1 Proposti LESA** | Il-President preżenta l-emendi mibgħutha mill-Kunsill Lokali tal-Iklin, Attard, Birżebbuġa, l-Iklin, Giżra, Għargħur, Safi, Birkirkara, San Lawrenz kif ukoll Reġjun Nofsinhar. Is-Sur Jesmond Aqilina semma li l-proposta preżentata mir-Reġjun Nofsinhar hija parti minn proġett li qed isir ta' restawr fil-binja amministrattiva tar-Reġjun Nofsinhar. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva l-proposti mibugħta mill-Kunsilli Lokali u minn Reġjun Nofsinhar. Fakkar li kull proġett irrid jiġi fi tmiemu sa l-aħħar ta' Mejju 2021. |

43.6.2 Is-Sur Jesmon Aquilina talab li jiġi skużat mil-laqgħa fis-18:55.

| | |
|---|---|
| **43.6.3 EEA Grants** | Il-President semma li ġie iffirmat ftehim bejn l-AKL u d-Diviżjoni sabiex l-Assoċjazzjoni tkun tista' tibbenifika minn fondi mill-fond tal-EEA sabiex tkun tista' torganizza taħriġ u inizjattivi oħra lill-Membri Eletti u Segretarji Eżekuttivi. |
| **43.6.4 Xhieda waqt seduta fil-Qorti – Kunsill Lokali Qala** | Il-President semma li dakinhar stess, fis-16 ta' Frar kien mgħajjat mill-Qorti sabiex jagħti x-xhieda tiegħu bħala President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-każ tal-Kunsill Lokali tal-Qala relatat ma' ħaddiem li weġġa' permezz t' għodda tal-Kunsill Lokali. |
| **43.6.5 Green Island Malta** | Il-President semma li kellu laqgħa online ma' espert fuq green roofs u anki green walls. Semma li possibbilment ser ikun mistieden waqt Webinar li ser tkun qed torganizza l-AKL rigward l-Ambjent sabiex possibbilment jagħti spjega anki tal-pjan ta' manutenzjoni li jrid ikun hemm wara li jiġu nstallati dawn it-tip ta' strutturi. |
| **43.6.6 Memberships AKL** | Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandhom jitħallsu l-membership fees li l-AKL għandha fosthom; ACR+, CEMR/UCLG kif ukoll ALDA. Dawn ikkopru l-memberships għal matul is-sena 2021. |
| **43.6.7 Sotto-Kumitatt ERA – Moniteraġġ tal-Arja** | Il-President semma li kienet intbgħatet stedina lijlu bħala President tal-AKL sabiex ikun rappreżentant tal-Kunsilli Lokali fuq sotto-kummitat iffurmat mill-ERA sabiex isir |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

moniteraġġ fuq tliet żoni partikolari sabiex ikunu proposti kif jista' jkun hemm titjieb tal-arja.

**43.6.8 Laqgħa AKL - CRPD**

Il-President semma li l-AKL kienet talbet li tagħmel laqgħa mal-Kummissarju l-ġdid fi ħdan il-Kummissjoni għall-Persuni b' Diżabilita'. Chev. Paul Farrugia semma l-problema li qed jara f' diversi lokalitajiet fir-Reġjun Xlokk fejn qed isiru parking bays għall-użu minn persuni b' diżabilita' imma dawn qed issiru personalizzati. Semma li dan huwa ta' tħassib jekk kull individwu b' diżabilita' huwa intitolat għall-parking bay personalizzata.

**43.6.9 Laqgħa AKL – Kummissarju tal-Annimali**

Il-President semma li kienet ġiet organizzata laqgħa kordjali bejn l-AKL u s-Sa. Alison Bezzina, Kummissarju tal-Annimali. Il-President semma li s-suġġett prinċipali kien il-kontroll tal-ħamiem fil-lokalitajiet. Semma li l-Kummissarju laqgħet il-proposta tal-AKL u l-mod ta' kif bi ħsiebha timplimenta dan il-proġett.

**43.6.10 Laqgħa Kamra tal-Periti – AKL**

Il-President semma li kienet inżammet laqgħa mal-Perit Andre Pizzuto, President Kamra tal-Periti. Semma li s-suġġett ewlieni kien kif il-Kamra tal-Periti tasita' tassisti aktra lill-Kunsilli Reġjonali/Lokali fil-ħidmithom. Semma li ġiet diskussa l-proposta li l-Kunsilli jibdew jużaw aktar l-proċedura ta' design competition milli tinħareġ sejħa għall-orħos offerta. Il-President semma li ser ikunu qed jiddiskuti dan ukoll mad-Diviżjoni.

**43.6.11 Backup tal-mailboxes AKL**

Il-President semma li l-AKL kienet ser tkun qed tħallas madwar €30 fis-sena għal kull mailbox li għandha l-AKL sabiex jiġi assigurat li kull korrispondenza tkun qiegħda f' backup. Dan jipprevjeni milli jintilfu ċerti korrispondenzi.

**43.6.12 Sejħa Pubblika – Dokumenti Tekniċi**

Il-President semma li l-AKL ikkonkludiet fuq is-sejħa għas-servizz ta' Perit speċjalizzat fuq Żvilupp u Disinn Urban. Semma li l-kuntratt ġie ffirmat u għaldaqstant kienet ser tindeba l-ħidma fuq dawn id-dokumenti.

**43.6.13 Każ tas-Sur Jimmy Magro**

Il-President semma li l-AKL kienet qed tikkomunika mal-Ispettur inkarigat fuq il-files li kemm il-Puluzija kif ukoll IAID kienu ħadu mill-AKL. Semma li għadhom ma ħadux

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

risposta mill-Ispettur. Is-Segretarja semmiet li kienet ser terġa' tipprova tagħmel kuntatt mad-Depot.

**43.6.14 Group Life Policy**

Il-President semma li l-AKL kienet ser toħroġ sejħa pubblika sabiex tespolra l-possibbilita' li tibda toffri servizz ta' assigurazzjoni lill-Membri Eletti u anki possibbilment il-ħaddiema tal-Kunsilli Reġjonali/ Lokali permezz ta' Life Policy. Il-President semma li jidher li l-unika diffikulta' hija li s-suq ma joffrix din it-tali polza għall-persuni li għandhom 'l fuq minn 65 sena. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li l-AKL għandha toħroġ is-sejħa.

**43.6.15 Rinovazzjoni Bini Amministrattiv AKL**

Il-President semma li kien għadd fadal żewġ ikmamar xi jsir kemm xogħol ta' gypsum, dawl u anki għamara ġdida. Semma wkoll li hemm xi affarjiet xi jsiru fil-waiting area kif ukoll sabiex isiru l-biebien tas-sala tal-AKL. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandu jitkompla x-xogħol.

**43.6.16 Użu mill-Bini Amministrattiv tal-AKL**

Il-President semma li fix-xhur li ġejjin kienu ser jiġu fi tmiemhom il-ftehim li hemm bejn l-AKL u s-Segretarju Permanenti MHAL sabiex id-Dipartiment tar-Restawr u parti mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali jużaw parti mill-binja. Il-President semma li ser jiġu reveduti t-tariffi u ser ikun propost li jergħu jiġġeddu għal sentejn oħra.

**43.6.17 Elezzjonijiet President AKL, Presidenti Reġjonali u Membri AKL**

Il-President semma li fit-tieni Sibt t' Ottubru 2021 għandha tinżamm l-elezzjoni għall-Eżekuttiv tal-AKL.

**43.6.18 Team building**

Il-President semma li kien ser jiġi organizzat Team Building iffininzjat ukoll mill-EEA Grants. Semm ali possibbilment dan jinżamm online.

## 43.7 Affarjiet Oħra

43.7.1 Is-Sur Michael Fenech Adami għamel referenza għall-postijiet vakanti fil-Kunsilli Reġjonali għall-impjegati tekniċi li huwa mistenna li jimpjega miegħu kull Reġjun. Is-Sur Fenech

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Adami semma li għandu jkun ir-Reġjun li jaħtar il-Board ta' Intervisti għall-dawn il-postijiet vakanzi u mhux id-Diviżjoni tkun parti minn dan il-proċess.
Kif kien diskuss waqt il-laqgħa jidher li l-pożizzjoni tar-Reġjuni hija li dan ma jkunx impjig imma tinħareġ sejħa pubblika sabiex jiġi offrut dan is-servizz. Is-Sur Fenech Adami semma li ser ikun hemm postijiet vakanti li bħal pereżempju l-ħaddiem li ser jokkupa rwol fuq il-Kultura tar-Reġjun li dan mhux ser ikollu 40 siegha xogħol fil-ġimgħa.
Chev. Paul Farrugia semma li €80,000 mill-allokazzjoni trid tiġi riservata u ma jintużawx sabiex ikunu jistgħu jiġu koperti is-salarji ta' sawn il-ħaddiema.
Is-Sur Fenech Adami semma wkoll li għadd m'hemmx commitment min-naħa tad-diviżjoni li l-allokazzjoni ta' €160,000 li ser tkun qed tkopri l-ispejjeż tas-salarji ta' dawn l-impjegati hux ser terġa' tingħata fis-sena 2022.

43.7.2 Is-Sur Fenech Adami semma li kellu laqgħa mal-MTA fejn ġie konkluż li l-MTA ser tkun qed tiffinanzja Webiste fejn ser tkun ta' pjattaforma sabiex ir-Reġjuni jesebixxu u jinfurmaw lir-Residenti ibi proġetti li r-Reġjuni jkunu għaddejjin bihom. Semmew li l-ispejjeż imbgħad ikunu jistgħu jinqasmu nofshom mill-MTA u nofshom mir-Reġjun. Chev. Paul Farrugia qabel mal-proposta. Għaldaqstant, is-Sur Fenech Adami kien ser ikompli jikkordina mal-MTA u jżomm lill-kumplament infurmati.

**43.8 Aġġornament**

43.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 29 ta' Marzu 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija online permezz tal-Microsoft Teams.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.44 li nżammet nhar it-Tnejn, 29 ta' Marzu 2021.

**Mario Fava**
**President**

Dok A.

# SOCIAL PROJECTS MANAGEMENT LTD

SPM LTD

**Patrick Vella**
CEO

# ABOUT US

**Project management and consultancy firm** working on various projects under the arm of Government

**One-stop shop** to cater for client needs in construction projects, architectural embellishments, refurbishing and upgrading works



**Advisory role** in assisting client to meet project objectives

Assisting in drafting/compiling the **project brief**

**Preparation of project budget** and **master programme of works**



SOCIAL PTOJECTS MANAGEMENT LTD

Preparation of a **proposal** based on client brief

Submission of a **PA application**

Assistace to obtain the relative development permits

# Proposal



DESIGN

DESIGN




# CONCEPT SKETCH

DESIGN

# VISUAL SKETCH



# 3D VISUAL



DESIGN

PROCUREMENT

**Complete handling of procurement process** including BOQs, detailed drawings, specifications, issuing tenders

**Assistance in evaluation** of tenders and award

Overseeing the process up to **post contract stage** according Evaluation, award, signing of agreement, commencement of works

# EVALUATION



Project management and **ongoing supervision of works**

Consultation and coordination with stakeholders

Cost management

Handover







IMPLEMENTATION AND HANDOVER

# Thank You

## CONTACT US

Social Projects Management Ltd
459, St Joseph High Rd, Sta Venera SVR 1012

info@spml.com.mt

+356 2226 6100